**QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI**

**IMHALLFIN**

**S.T.O. JOSEPH SAID PULLICINO, B.A.(HONS), LL.D. - PRESIDENT**
**ONOR. CARMEL A. AGIUS, B.A., LL.D.**
**ONOR. NOEL V. ARRIGO, LL.D.**

**Seduta ta' nhar il-Hamis 19 ta' April, 2001**

**Numru**

**Att ta' Akkuza Nru. 45/96**

**Repubblika ta' Malta**

**vs**

**Christopher Schembri**

**Il-Qorti,**

Dan hu appell minn sentenza moghtija fit-3 ta' Frar, 2000, mill-Onorabbli Qorti Kriminali taht l-att ta' l-akkuza u fl-ismijiet fuq imsemmija fil-konfront ta' l-akkuzat Christopher Schembri, liema sentenza taqra kif gej:-

"Il-Qorti,

Rat l-Att ta' Akkuza nru. 45/96;

Rat in-nota ta' l-Avukat Generali, minnu ppresentata fil-kors ta' l-udjenza ta' nhar it-Tlieta, 1 ta' Frar, 2000, li permezz taghha l-istess Avukat Generali ceda u irtira t-tieni kap tal-Att ta' Akkuza fil-konfront biss ta' Christopher Schembri kif ukoll irtira l-aggravju tad-distanza addebitat fl-ewwel kap ghax ma jirrisultax;

Semghet, fl-udjenza ta' nhar it-Tlieta, 1 ta' Frar, 2000, l-ammissjoni ta' Christopher Schembri ghall-akkuza migjuba kontra tieghu fl-imsemmi Att ta' Akkuza (kif modifikata bin-nota msemmija), f'liema ammissjoni huwa ppersista anke wara li gie mwissi bl-aktar mod solenni fuq il-konsegwenzi legali ta' tali ammissjoni, u nghata anke zmien biex jahsibha u jekk irid jerga' lura minnha, u dan kif rikjest bl-Artikolu 453 tal-Kodici Kriminali;

Rat ukoll in-nota ta' l-Avukat Generali, minnu ppresentata fl-1 ta' Frar, 2000, li permezz taghha huwa ddikjara li l-imsemmi Christopher Schembri ghen lill-pulizija sabiex taqbad lill-persuna jew persuni li pprovdewlu l-medicina, u dan ghall-fini tal-Artikolu 29 tal-Kap. 101;

Tosserva dwar l-ewwel kap, li dan, fil-parti akkuzatorja tieghu, jiddeskrivi fi kliem il-ligi aktar minn reat wiehed, meta teknikament kap ma jistax ikollu aktar minn reat wiehed; fin-nuqqas ta' verdett tal-gurati li jispecifika liema minn dawn ir-reati qed jigu addebitati lill-hati, din il-Qorti ser tikkonsidra li Christopher Schembri qed jammetti biss ghar-reat u ghall-parti ta' dak ir-reat li jgorr l-anqas piena; tosserva wkoll li l-piena applikabbli f'dan il-kaz hija dik fis-sehh qabel l-emendi introdotti bl-Att XVI tal-1996, b'liema emendi l-piena taht l-Artikolu 22(2)(a)(i) tal-Kap. 101 telghet ghall-prigunerija ghall-ghomor;

Tiddikjara lill-imsemmi Christopher Schembri hati talli fit-12 ta' April,1996 u fix-xhur ta' qabel assocja ruhhu ma' persuna ohra f'dawn il-Gzejjer jew barra minn dawn il-Gzejjer sabiex ibiegh jew jitraffika medicina f'dawn il-Gzejjer kontra d-disposizzjonijiet tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, u dan skond l-ewwel kap tal-Att ta' Akkuza; tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tat-tieni kap, u tastjeni milli tiehu konjizzjoni tat-tielet kap li ma jirreferix ghall-imsemmi Christopher Schembri izda ghal persuna ohra; tiddikjara lill-istess Christopher Schembri bhala recidiv fit-termini tal-Artikolu 50 tal-Kap. 9, u dan ukoll kif migjub fl-ewwel kap ga msemmi;

Semghet ix-xhud prodott mid-difiza fl-udjenza tal-lum, u cioe' lill-Ispettur Neville Aquilina; semghet ukoll lill-Avukat Dott. Angelo Farrugia u lill-Avukat tar-Repubblika Anzjan Dott. Mark Said dwar il-piena;

Rat l-attijiet ta' l-istruttorja; hadet in konsiderazzjoni c-cirkostanzi kollha tal-kaz, inkluza d-deposizzjoni tal-lum tal-Ispettur Aquilina, iz-zmien li l-hati ghamel taht arrest preventiv in konnessjoni ma' dan il-kaz, in-natura tad-droga involuta (kokajina); rat il-linji gwida minnha stess enuncjati fis-sentenza ta' l-24 ta' Frar, 1997 fil-kawza fl-ismijiet ***Ir-Repubblika ta' Malta v. Nicholas Azzopardi*** fil-kaz meta jkun hemm ammissjoni; rat ukoll il-fedina penali tal-hati u applikat l-Artikolu 29 tal-Kap. 101;

Rat l-Artikoli 2, 8, 9, 10, 22(1)(f)(2)(a)(i)(9) u 29 tal-Kap. 101; u l-Artikoli 11, 22, 31, 50, u 533 tal-Kodici Kriminali;

Tikkundanna lill-imsemmi Christopher Schembri ghall piena ta' sitt snin (6) prigunerija mil-lum u multa ta' ghaxart elef lira (Lm10,000), konvertibbli din il-multa f'sitt xhur prigunerija ohra f'kaz ta' nuqqas ta' pagament skond il-ligi; tikkundannah ukoll ihallas lir-Registratur is-somma ta' mija w sittin lira u tlieta w sittin centezmu (Lm160.63) rappresentanti nofs l-ispejjez peritali inkorsi f'dawn il-proceduri, u dan fi zmien gimghatejn mill-lum".

Minn dik is-sentenza appella, kif inghad, l-akkuzat Christopher Schembri permezz ta' rikors ta' l-appell ipprezentat fil-21 ta' Frar, 2000, li permezz tieghu talab li din il-Qorti joghgobha tirriforma s-sentenza appellata billi tikkundannah ghal piena ferm inqas

minn dik li giet applikata mill-ewwel Onorabbli Qorti kemm ghal dik li hi prigunerija, kif ukoll ghal dik li hi multa.

L-appellant jissottometti dan li gej:-

1. Illi s-sentenza inflitta fil-konfront tieghu kellha tkun wahda ferm nqas bl-applikazzjoni ta' l-artikolu 29 tal-Kap 101 meta l-Qorti, bl-applikazzjoni ta' grad jew tnejn anqas mill-piena, u wara li tiehu in konsiderazzjoni dak kollu appartenenti ghall-kaz, specjalment il-fatt li l-imputat l-iehor Vella kien jezercita kontroll morali fuqu, l-appellant kien jibza' minnu kif ukoll gie pruvat minn xhur iehor Jason Busuttil u wkoll il-fatt li sahansitra l-imputat l-iehor sa kellu fil-pussess tieghu arma tan-nar, l-ewwel Qorti messha applikat piena inqas, almenu l-minimu. Kif jidher mis-sentenza appellata, fil-fehma ta' l-appellant, l-ewwel Qorti skartat l-istess applikazzjoni ta' l-artikolu 29 tal-Kap 101.

2. L-appellant isostni li bl-applikazzjoni ta' l-artikolu 29 kellu jigi ikkundannat ghall-minimu f'kemm dik li prigunerija, kif ukoll ghal dik li hija piena pekunjarja.

3. Huwa jissottometti li l-perjodu ta' arrest preventiv ma giex mehud in konsiderazzjoni, cioe' ma tnaqqasx, anqas ma ttiehdet in konsiderazzjoni l-imgieba tajba tieghu, anzi impekkabbli, fil-facilita' korrettiva ta' Kordin.

Ikkonsidrat:-

Illi kif jirrizulta mis-sentenza appellata, minghajr l-applikazzjoni ta' l-artikolu 29 tal-Kap 101, il-piena applikabbli taht l-artikolu 22 (2) (a) (1) tal-Kap 101 kie introdott bl-Att VI ta' l-1994 u cioe' qabel ma rega' gie emendat bil-ligi ta' l-1996, kienet ta' prigunerija ghal zmien ta' mhux inqas minn erba' snin izda mhux izjed minn ghoxrin sena u multa ta' mhux inqas minn elf lira maltija (Lm 1,000) izda mhux izjed minn hamsin elf lira maltin (LM50,000).

Bl-artikolu 29 ta' l-istess Kap 101, (li ma jistax ikun hemm dubbju li huwa applikabbli f'dan il-kaz), meta dwar persuna misjuba hatja ta' rejat kontra din l-Ordinanza, il-prosekuzzjoni tiddikjara fil-process – kif ghamlet f'dan il-kaz – li dik il-persuna tkun ghenet lill-Pulizija biex taqbad lill-persuna jew lill-persuni li jkunu pprovdewlha l-medicina, jew il-persuna misjuba hatja, kif intqal qabel, tipprova ghas-sodisfazzjon tal-Qorti li tkun hekk ghenet lill-Pulizija, il-piena titnaqqas, dwar prigunerija bi grad wiehed jew tnejn, u dwar piena pekunjarja b'terz jew b'nofs.

Il-piena tal-multa, ghal dak li huwa minimu, jekk jigi jigi ridott b'terz jigi jammonta ghal sitt mija u seba' u sittin liri maltin (LM667), u jekk jigi ridott b'nofs il-minimu tal-multa jsir hames mitt liri maltin (Lm500). Mentri l-massimu, jekk l-istess jigi ridott b'terz, minn hamsin elf lira maltin jigi ghal tlieta u tletin elf, tlett mija u erbgha u tletin liri maltin (LM33,334) u jekk jigi ridott b'nofs s'intendi jigi jammonta ghal hamsa u ghoxrin elf lira maltin (Lm25,000).

Ghal dak li hu piena ta' prigunerija, il-minimu ta' erba' snin, jekk jigi ridott bi grad jigi tlett snin, u jekk jigi mnaqqas b'zewg gradi jigi jammonta ghal sentejn. Mentri l-massimu ta' ghoxrin sena, jekk jigi ridott bi grad jigi jammonta ghal tnax-il sena, u jigi ridott b'zewg grad jigi jammonta ghal disa' snin.

Pero' l-appellant gie akkuzat wkoll u ammetta ghar-recidiva, u dan bl-applikazzjoni ta' l-artikolu 50 tal-Kodici Kriminali, jerga' jtella' l-piena bi grad.

Dan igib bhala konsegwenza illi jekk fil-fehma ta' l-ewwel Qorti l-applikazzjoni ta' l-artikolu 29 tal-Kap 101 ghaliha kien ifisser tnaqqis ta' grad, ghal dik li hi prigunerija, minhabba r-recidiva l-istess tnaqqis jigi anjentat u jerga' japplika l-minimu taht il-Kap 101 kif kien qabel ma sar it-tnaqqis ta' grad. S'intendi jekk l-ewwel Qorti kellha fi hsiebha li tnaqqas zewg gradi, allura l-effett tar-recidiva huwa li flok il-piena titnaqqas b'zewg gradi titnaqqas bi grad wiehed biss.

Fi kwalunkwe kaz, pero', din il-Qorti tosserva illi fis-sentenza appelalta ma hemmx indikazzjoni ta' kemm l-ewwel Qorti kellha f'rasha li tnaqqas bhala grad jew gradi fl-applikazzjoni ta' l-artikolu 29 tal-Kap 101. Pero', hemm bizzejjed x'jindika li certament ma kellhiex f'mohha li tapplika il-minimu.

F'dan il-kuntest mhux korretta s-sottomissjoni ta' l-appellant illi l-applikazzjoni ta' l-artikolu 29 tal-Kap 101 essenzjalment tfisser li dejjem ghandu jigi applikat il-minimu kemm ghal dik li hi prigunerija kif ukoll ghal dik li hija piena pekunjarja. Anzi, dan imur kontra dak illi jiddisponi l-istess artikolu 29 tal-Kap 101 li essenzjalment din il-Qorti rriproduciet verbatim aktar 'l fuq.

Jigifieri qieghed jinghad illi kieku kellu jigi koncess lill-appellant illi fil-kaz tieghu l-applikazzjoni ta' l-artikolu 29 kellha tfisser li titnaqqas il-piena karcerarja b'zewg gradi, kemm ghal dik li hi minimu kif ukoll ghal dik li hu massimu jigi illi l-minimu li seta' jigi applikat fil-konfront tieghu kien ta' sentejn prigunerija bhala minimu u disa' snin prigunerija bhala massimu.

Kif inghad dawn bilfors riedu jergghu jitilghu bi grad minhabba r-recidiva li ma kienetx tikkonsisti f'serqa semplici kif iddeskriva l-appellant waqt it-trattazzjoni quddiem din il-Qorti, imma f'sensiela ta' kundanni li kumulattivament jekk jittiehdu in konsiderazzjoni, kif fil-fatt gie suggerit li jittiehdu bl-att ta' l-akkuza, jikkostitwixxu element serju – jigi li l-minimu jerga' jitla' ghal tlett snin b'massimu ta' tnax-il sena. Dwar il-multa diga' inghad. Dan kollu pero' kieku jirrizulta li l-Ewwel Qorti riedet tnaqqas zewg gradi – konsiderazzjoni li, kif inghad, ma tirrizultax.

Kollox mehud in konsiderazzjoni, din il-Qorti tara li lanqas ma hija korretta s-sottomissjoni l-ohra ta' l-appellant illi l-ewwel Qorti injorat il-perjodu li huwa ghamel taht arrest preventiv peress li fis-sentenza appellata hemm indikat stess illi dan haditu in konsiderazzjoni. Anqas ma jista' jigi konfortat l-appellant fit-tezi tieghu li l-ewwel Qorti ma haditx in konsiderazzjoni l-grad ta' kooperazzjoni mal-forzi ta' l-ordni da parti ta' l-appellant, peress illi anke dan, kif hemm dikjarat fis-sentenza appellata, kien wiehed mill-fatturi li l-ewwel Qorti hadet in konsiderazzjoni. S'intendenti l-ewwel Qorti hadet ukoll in konsiderazzjoni l-fatt tar-recidiva kif ukoll il-fedina penali tieghu, kif anke it-tip ta' droga involuta f'dan il-kaz, kif anke ic-cirkostanzi kollha tal-kaz li wara kollox l-appellant irrefera ghalihom fil-kors tat-trattazzjoni quddiem din il-Qorti.

Kollox mixhut f'basket wiehed l-ewwel Qorti dehrilha illi l-piena ta' sitt snin prigunerija f'kaz fejn il-minimu seta' kien jew erba' snin jew tlett snin u l-massimu seta' kien jew tnax-il sena jew ghoxrin sena skond kemm kellha f'mohhha li tnaqqas

bhala gradi bl-applikazzjoni ta' l-artikolu 29, din il-Qorti tahseb illi l-piena inflitta mill-ewwel Qorti hija wahda ragonevoli u miti bizzejjed biex ma timmeritax li tigi disturbata minnha. L-istess jinghad ghall-piena tal-multa meta jigi tenut kont dak li inghad, u cioe' li m'hemm xejn indikat fis-sentenza appellata li l-ewwel Qorti kien fi hsiebha li tnaqqas zewg gradi u mhux grad.

F'dawn ic-cirkostanzi ghalhekk din il-Qorti m'ghandhiex alternattiva hlief li tichad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata, kif effettivament qeghda taghmel.

Dep/Reg
mm